Nru./No. 21,579
Prezz/Price
€3.06

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

**It-Tlieta, 3 ta' Frar, 2026**
**Tuesday, 3rd February, 2026**

**Pubblikata b'Awtorità**
**Published by Authority**

## SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 1201 - 1208
*Government Notices* ..... *1201 - 1208*

Avviżi tal-Pulizija ..... 1208 - 1214
*Police Notices* ..... *1208 - 1214*

Avviżi lill-Baħħara ..... 1215
*Notices to Mariners* ..... *1215*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 1216
*Employment Opportunities* ..... *1216*

Avviżi tal-Gvern ..... 1216 - 1228
*Notices* ..... *1216 - 1228*

Offerti ..... 1228 - 1229
*Tenders* ..... *1228 - 1229*

Avviżi tal-Qorti ..... 1229 - 1264
*Court Notices* ..... *1229 - 1264*

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 145**

**ATT DWAR IT-TIĠDID TAL-KIRI TA' RABA'**
**(KAP. 199 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)**

**Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba'**

BIS-SAĦĦA tal-artikolu 5 tal-Att Dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba' (Kap. 199), il-Prim Ministru ta' Malta ħatar lill-Maġistrat Dott. Victor Axiak, il-Maġistrat Dott. Brigitte Sultana, il-Maġistrat Dott. Patrick Valentino u l-Maġistrat Dott. Franca Giordmaina biex ipoġġu bħala Chairperson fil-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba' b'seħħ mit-3 ta' Frar, 2026.

It-3 ta' Frar, 2026

**Nru. 146**

**ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI**
**TAL-ADOZZJONI**
**(KAP. 495)**

**Bord ta' Appell**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 16 tal-Att tal-2008 dwar l-Amministrazzjoni tal-Adozzjoni (Kap. 495), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal ħatar lis-Sa Consiglia Bonello, Dip. Soc. Stud. (Occupational Health and Safety) u Dott. Roberta Spiteri, LLB, Dip. (Not. Pub.), LLD, bħala membri fuq il-Bord tal-Appell.

Dawn il-ħatriet huma għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mis-26 ta' Diċembru, 2025, u l-4 ta' Frar, 2026, rispettivament.

It-3 ta' Frar, 2026

**Nru. 147**

**AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI**
**FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA**
**TAL-GVERN**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,576 tas-27 ta' Jannar, 2026

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 145**

**AGRICULTURAL LEASES (RELETTING)**
**ACT (CAP. 199 OF THE LAWS OF MALTA)**

**Rural Leases Control Board**

BY VIRTUE of article 5 of the Agricultural Leases (Reletting) Act (Cap. 199), the Prime Minister of Malta has appointed Magistrate Dr Victor Axiak, Magistrate Dr Brigitte Sultana, Magistrate Dr Patrick Valentino, and Magistrate Dr Franca Giordmaina to serve as Chairpersons of the Board for the Rural Leases Control Board with effect from 3rd February, 2026.

3rd February, 2026

**No. 146**

**ADOPTION ADMINISTRATION**
**ACT**
**(CAP. 495)**

**Board of Appeal**

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 16 of the Adoption Administration Act of 2008 (Cap. 495), and for the purpose of that Act, the Minister for Social Policy and Children's Rights has appointed Ms Consiglia Bonello, Dip. Soc. Stud. (Occupational Health and Safety) and Dr Roberta Spiteri, LLB, Dip. (Not. Pub.), LLD, as members on the Board of Appeal.

These appointments are for a period of three years with effect from 26th December, 2025, and 4th February, 2026, respectively.

3rd February, 2026

**No. 147**

**LEGAL NOTICES**
**PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT**
**TO THE GOVERNMENT GAZETTE**

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette No. 21,576 of 27th January, 2026

(Avviż Legali 24) u l-Gazzetta tal-Gvern Nru. 21,578 tat-30 ta' Jannar, 2026 (Avviżi Legali 25 sa 27) rispettivament.

A.L. 24 tal-2026: Att tal-2025 li Jemenda Liġijiet Varji Dwar id-Differenzazzjoni Bejn il-Ġeneri (Att Nru XXXIV Tal-2025); Avviż ta' Bidu fis-Seħħ.

A.L. 25 tal-2026: Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income* (Kap. 123); Regoli tal-2026 li jemendaw ir-Regoli dwar Eżenzjoni mit-Taxxa (Riċiklaġġ ta' Skart tal-Kostruzzjoni) (2020-2025).

A.L. 26 tal-2026: Att dwar l-Edukazzjoni Avvanzata u Għola (Kap. 607); Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Liċenzjar, Akkreditament u Assikurazzjoni ta' Kwalità fl-Edukazzjoni Avvanzata u Għola.

A.L. 27 tal-2026: Att dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tal-Konsumaturi (Kap. 635); Ordni tal-2026 li jemenda l-Iskeda li tinsab mal-Att dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tal-Konsumaturi.

It-3 ta' Frar, 2026

(Legal Notice 24) and Government Gazette No. 21,578 of 30th January, 2026 (Legal Notices 25 to 27) respectively.

L.N. 24 of 2026: Various Laws Relating To Differentiation Between Genders (Amendment) Act, 2025 (Act No. XXXIV Of 2025); Commencement Notice.

L.N. 25 of 2026: Income Tax Act (Cap. 123); Tax Exemption (Construction Waste Recycling) (2020-2025) (Amendment) Rules, 2026.

L.N. 26 of 2026: Further and Higher Education Act (Cap. 607); Further and Higher Education (Licensing, Accreditation and Quality Assurance) (Amendment) Regulations, 2026.

L.N. 27 of 2026: Representative Actions (Consumers) Act (Cap. 635); Representative Actions (Consumers) (Amendment of Schedule) Order, 2026.

3rd February, 2026

**Nru. 148**

## ĦATRA TA' AĠENT REĠISTRATUR QRATI TA' GĦAWDEX U TRIBUNALI

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni approva l-ħatra temporanja li ġejja:

**No. 148**

## APPOINTMENT OF ACTING REGISTRAR GOZO COURTS AND TRIBUNALS

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice and the Reform of the Construction Sector has approved the following acting appointment.

| ISEM<br>*NAME* | POŻIZZJONI<br>*POSITION* | DIPARTIMENT<br>*DEPARTMENT* | DATA<br>*DATE* |
|---|---|---|---|
| Is-Sa Margaret De Battista | Aġent Reġistratur, Qrati ta' Għawdex u Tribunali<br>*Acting Registrar Gozo Courts and Tribunals* | Qrati tal-Ġustizzja<br>*Courts of Justice* | 30.1.2026 - 3.2.2026<br>il-jumejn inklużi<br>*both days included* |

It-3 ta' Frar, 2026

3rd February, 2026

**Nru. 149**

## ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

### Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili,

**No. 149**

## NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

### Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and

il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dott. Anne Marie Tonna bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Michela Marie Cefai u dan għall-perjodu bejn il-5 ta' Frar, 2026 u l-10 ta' Frar, 2026.

Illum il-Ġimgħa, 30 ta' Jannar, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

**Nru. 150**

**ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)**

**Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur**

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili innominat lin-Nutar Dott. Anne Marie Tonna bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dott. Michela Marie Cefai u dan għall-perjodu bejn il-5 ta' Frar, 2026 u l-10 ta' Frar, 2026.

Illum il-Ġimgħa, 30 ta' Jannar, 2026

RUTH PISCOPO
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

**Nru. 151**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Il-Post tas-Seduta**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa mogħtija bl-artikolu 412 (3) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9), il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja approva li l-post fejn hemm it-Tribunal Lokali ta' Għawdex, Triq il-Viżitazzjoni, L-Għarb, Għawdex, bħala post fejn l-istess Qorti tista' żżomm is-seduta tagħha għall-każ numru 378/2025.

DOTT. MARY DEBONO BORG
Reġistratur Qorti u Tribunali ta' Għawdex

It-3 ta' Frar, 2026

Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Anne Marie Tonna to be Notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Michela Marie Cefai for the period between the 5th February, 2026 and the 10th February, 2026.

Today Friday, 30th January, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

**No. 150**

**NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)**

**Appointment of Notary Delegate/Keeper**

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Anne Marie Tonna to be Notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Michela Marie Cefai for the period between the 5th February, 2026 and the 10th February, 2026.

Today Friday, 30th January, 2026

RUTH PISCOPO
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

**No. 151**

**COURT OF MAGISTRATES (GOZO) AS A COURT OF CRIMINAL JUDICATURE**

**Place of Sitting**

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 412 (3) of the Criminal Code (Cap. 9), the Minister responsible for Justice has designated the building housing the Gozo Local Council, Triq il-Viżitazzjoni, Għarb, Gozo, as a place where the said Court may hold its sittings for the case number 378/2025.

DR MARY DEBONO BORG
Registrar Gozo Courts and Tribunals

3rd February, 2026

**Nru. 152**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Il-Post tas-Seduta**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa mogħtija bl-artikolu 412 (3) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9), il-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja approva li l-post fejn hemm it-Tribunal Lokali ta' Għawdex, Triq il-Viżitazzjoni, L-Għarb, Għawdex, bħala post fejn l-istess Qorti tista' żżomm is-seduta tagħha għall-każ numru 383/2025.

DOTT. MARY DEBONO BORG
Reġistratur Qorti u Tribunali ta' Għawdex

It-3 ta' Frar, 2026

**No. 152**

**COURT OF MAGISTRATES (GOZO)
AS A COURT OF CRIMINAL JUDICATURE**

**Place of Sitting**

IT is hereby notified for general information that in exercise of the powers conferred by section 412 (3) of the Criminal Code (Cap. 9), the Minister responsible for Justice has designated the building housing the Gozo Local Council, Triq il-Viżitazzjoni, Għarb, Gozo, as a place where the said Court may hold its sittings for the case number 383/2025.

DR MARY DEBONO BORG
Registrar Gozo Courts and Tribunals

3rd February, 2026

**Nru. 153**

**ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI
U TRASFERIMENTI (KAP. 364)**

**Avviż skont l-Artikolu 61(1)**

SKONT id-dispozzizzjonijiet tal-proviso tal-artikolu 61 (1) tal-Att dwar it-taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana b'dan jgħarraf lill-persuni msemmija aktar 'l isfel biex imorru fid-Dipartiment tal-Capital Transfer Duty, 63, Triq Żekka, Il-Belt Valletta, sabiex jiġbru l-avviżi magħmula fuqhom.

**No. 153**

**DUTY ON DOCUMENTS
AND TRANSFERS ACT (CAP. 364)**

**Notice in terms of Article 61(1)**

IN Terms of the proviso to article 61 (1) of the Duty on Documents and Transfers Act, the Commissioner for Tax and Customs hereby notifies the persons listed hereunder to call at the Capital Transfer Duty Department. 63, Triq Żekka, Valletta, to collect the notices made on such persons.

| Isem<br>*Name* | Karta tal-Identità<br>*ID Number* | Numru tat-Talba<br>*Claim Number* |
|---|---|---|
| De Gabriele Sergio | 436592M | IV 163524 |
| Abdilla Nazarena | 514148M | IV 163544 |
| Bonaci Carmel | 33381M | IV 162479 |
| Cuschieri William | 70582M | IV 161603 |
| Gera Anthony | 594578M | IV 162516 |
| Mangion Marjanu | 725051M | IV 161674 |
| Spiteri David | 268274M | IV 163517 |
| Vassallo Christopher | 355863M | IV 162660 |
| Bongailas Matthew | 223488M | IV 160825 |
| Vassallo Christopher | 355863M | IV 162654 |
| Hall Ian | 564681M | IV 162937 |
| Schembri Christian | 93791M | IV 161776 |
| Zatho Holdings Limited | Roc. No. C38684 | IV 158632 |

| Isem<br>*Name* | Karta tal-Identità<br>*ID Number* | Numru tat-Talba<br>*Claim Number* |
|---|---|---|
| Ellul Daniela | 398387M | CM 043891 |
| Bonnici Vincent Robert | 891480206 | CM 043849 |
| Grima Lei | 502301L | CM 060680 |
| Galea Dorothy | 307681M | CM 060728 |
| Gatt Carmel | 543859M | CM 060483 |
| Sciberras Dorianne M. | 39879M | CM 060132 |
| Gauci Doris | 224132M | CM 043950 |
| Cauchi Marco | 323565M | CM 060705 |
| Cutajar M'Carmela | 867448M | CM 060424 |
| Attard Georga | 95353M | CM 059624 |
| Schembri Paul | 498455M | CM 060846 |
| Desira Vicky | 270682M | CM 060847 |
| Formosa Michelle | Driving Licence No. 48817985 | CM 060267 |
| Polidano Gracie Ann | Driving Licence No. 54826117 | CM 060268 |
| Spiteri Pauline M. | Driving Licence No. 33679787 | CM 060269 |
| Spiteri Jake | Driving Licence No. 97377771 | CM 060270 |
| Spiteri Justin Lee | Driving Licence No. 39319661 | CM 060271 |
| Scicluna Maria T | 725343M | CM 043599 |
| Scicluna Enrico | Passport No. 1374868 | CM043600 |
| Muscat Salvatore | 227366M | SV 051939 |
| E.L.I.S. Holdings Limited | 999963433 | SV 051844 |
| Micallef Louis | 576485M | SV 051953 |
| Micallef Louis | 576485M | SV 051954 |
| Garofalo Anthony | 101237A | SV 051724 |
| Esparteiro Barroso Rui Manuel | 66292A | SV 052066 |
| Cachia Rachel | 281983M | SV 051858 |
| Spiteri Francis Charles Mari | 255006L | SV 050735 |

It-3 ta' Frar, 2026

**Nru. 154**

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET**

**Notifika ta' Affissjoni ta' Avviż**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont ir-Regolament Nru. 10 tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 573.06, twaħħal avviż fuq l-artijiet hawn taħt indikati li permezz tal-istess affissjoni, il-koinkwilini ġja rikonoxxuti in solidum qegħdin jiġu notifikati dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjoni li saret fuq l-istess art minn koinkwilini oħra. L-applikant huwa

3rd February, 2026

**No. 154**

**LANDS AUTHORITY**

**Notification of Affixation of Notice**

IT is notified for general information that in terms of Regulation No. 10 of Subsidiary Legislation 573.06, a notice has been affixed on the hereunder indicated sites informing co-tenants recognised in solidum with the submission of the application that has been made by other co-tenants on the same land. Applicant is responsible to ensure that the notice

responsabbli li jiżgura li l-avviż jibqa' hekk imwaħħal fuq il-post għal ħamest (5) ijiem tax-xogħol mid-data tat-twaħħil.

F'każ li l-avviż jitneħħa minn kwalunkwe persuna qabel l-iskadenza tal-perjodu indikat, l-applikant għandu jikkuntattja lill-Awtorità tal-Artijiet fuq (enforcement.la@landsauthority.org.mt), sabiex l-avviż jerġa' jitwaħħal fuq il-post.

is to remain affixed on site for five (5) working days from the date of affixation.

If the notice is removed by third parties prior to the expiry of such date, the applicant must contact the Lands Authority on (enforcement.la@landsauthority.org.mt), so that the notice is re-affixed on site.

It-3 ta' Frar, 2026

3rd February, 2026

| Nru tal-Applikazzjoni<br>*Application No.* | Nru tal-Proprjetà/Tenement<br>*Property/Tenement No.* | Deskrizzjoni tal-Proprjetà<br>*Property Description* | Talba<br>*Request* |
|---|---|---|---|
| AGRI l/2026/0021 | 080105-008 | 4th portion of lands, Tal-Baccari or Djar il-Baqar Siġġiewi, Malta | Transfer and assignmnent of rights or parts thereof to a third party full time or part time farmer (full-time or part-time) - non family members |
| AGRI l/2026/0020 | 080105-009 | 4th portion of lands, Tal-Baccari or Djar il-Baqar Siġġiewi, Malta | Transfer and assignmnent of rights or parts thereof to a third party full time or part time farmer (full-time or part-time) - non family members |
| AGRI l/2025/0854 | 083099-002 | Field Ta' San Pawl, il-Milqi Contrada, Tal-Ballut, Naxxar, Malta | Transfer and assignmnent of rights or parts thereof to a third party full time or part time farmer (full-time or part-time) - non family members |
| AGRI l/2025/0826 | J56143 | Raba' Ta' Dbieġi I & II, San Lawrenz, Gozo, Malta | Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer |
| AGRI l/2025/0803 | J40619 | Porzjon 3, Tad-Dahar, Rabat, Malta | Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer |
| AGRI l/2025/0802 | 050486-011 | 1st portion of land, Marget Newwija, Rabat, Malta | Transfer and assignmnent of rights or parts thereof to a third party full time or part time farmer (full-time or part-time) - non family members |
| AGRI l/2025/0656 | J59360 | Raba' "Wied ir-Rihan", Nadur Gozo, Malta | Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer |
| AGRI l/2024/0348 | J41898 | Raba' Ta' Dbieġi I & II, limits of San Lawrenz, Gozo | Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer |
| AGRI l/2021/1012 | 080037-004 | Lands Ta'Marziena, 3rd portion, Sannat, Gozo, Malta | Transfer of agricultural lease rights onto a third-party farmer |

**Nru. 155**

## SOVRINTENDENZA TAL-PATRIMONJU KULTURALI

### Inventarju Nazzjonali ta' Proprjetà Kulturali fil-Gżejjer Maltin

IS-SOVRINTENDENZA tal-Patrimonju Kulturali qiegħda tippubblika dawn is-siti mniżżla hawn taħt bħala parti mill-Inventarju Nazzjonali, skont l-Artiklu 7(5)(a) u Artiklu 53 tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali (Kap. 445).

**No. 155**

## SUPERINTENDENCE OF CULTURAL HERITAGE

### National Inventory of the Cultural Property of the Maltese Islands

THE Superintendence of Cultural Heritage is publishing the sites listed hereunder as new additions to the National Inventory, in terms of Article 7(5)(a) and Article 53 of the Cultural Heritage Act (Cap. 445).

| Nru tal-Inv.<br>*Inv. No.* | Isem tal-Proprjetà<br>*Name of Property* | Indirizz<br>*Address* | Kunsill Lokali<br>*Local Council* |
|---|---|---|---|
| 03234 | Niċċa ta' Santu Rokku | Triq it-Teżorija, Pjazza Regina | Il-Belt Valletta |
| 03235 | Niċċa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù | Ix-Xatt ta' San Ġorġ, Paceville | San Ġiljan |
| 03236 | Niċċa tal-Immakulata Kuċċizzjoni | Triq San Ġużepp, Paceville | San Ġiljan |
| 03237 | Niċċa Vojta | Triq Santa Luċija | In-Naxxar |
| 03238 | Niċċa Vojta | Triq il-Bażilika k/m Triq Mons. Joe Carabott | Il-Mosta |
| 03239 | Riljiev tal-Familja Mqaddsa | Triq Dun Mikiel Xerri | Il-Mosta |
| 03240 | Niċċa Vojta | Triq il-Kbira | Ħaż-Żebbuġ |
| 03241 | Niċċa Vojta | Triq Santa Katarina | Ħal Qormi |
| 03242 | Niċċa Vojta | Telgħat Raħal Ġdid | Paola |
| 03243 | Niċċa ta' San Nikola | Triq Ta' Karlozzu | Is-Siġġiewi |
| 03244 | Riljiev ta' Salib | Triq Lapsi | Is-Siġġiewi |
| 03245 | Niċċa Vojta | Pjazza San Ġwann | Is-Siġġiewi |
| 03246 | Salib | Pjazza San Ġwann | Is-Siġġiewi |
| 03247 | Niċċa Vojta | Triq San Ġwann | Is-Siġġiewi |
| 03248 | Niċċa Vojta | Triq San Ġwann | Is-Siġġiewi |
| 03250 | Niċċa Vojta | Triq San Ġorġ | Ir-Rabat, Għawdex |
| 03251 | Niċċa Vojta | Trejqet Melita | L-Imsida |
| 03252 | Statwa tal-Madonna tal-Karmnu | Triq tal-Katidral | San Pawl il-Baħar |
| 03253 | Residenza Privata Nru 237 u 239 | 237 u 239, Triq il-Kbira | Ħaż-Żebbuġ |
| 03254 | Residenza Privata Nru 261 | 261, Triq il-Kbira | Ħaż-Żebbuġ |
| 03255 | Residenza Privata Nru 269 | 269, Triq il-Kbira | Ħaż-Żebbuġ |
| 03256 | Dar Careel | 3, Triq il-Karmnu | San Ġiljan |

F'konformità mal-Artiklu 59(1) u l-Artiklu 70, ebda persuna ma għandha tagħmel xi żvilupp jew interventi fuq dawn is-siti, mingħajr ma l-ewwel tkun kisbet permess għalihom mingħand is-Supretendent, u ebda persuna ma għandha tikkaġuna danni lil dawn is-siti. Dan jikkostitwixxi offiża punibbli bil-liġi.

Aktar dettalji dwar l-inventarju jinkisbu minn:
(https://schmalta.mt)
(https://schmalta.maps.arcgis.com/apps/webappviewer/index.html).

It-3 ta' Frar, 2026

In line with Article 59(1) and Article 70, no person shall make any development or intervention affecting the above sites without having first obtained a permit from the Superintendent, and no person shall cause damage to the abovementioned sites. Any such action will constitute an offence punishable by law.

Further details on the inventory can be obtained from:
(https://schmalta.mt)
(https://schmalta.maps.arcgis.com/apps/webappviewer/index.html).

3rd February, 2026

**Nru. 156**

**ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)**

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

| Data<br>*Date* | Deheb Pur<br>Gramma<br>*Pure Gold*<br>*Grams* | Fidda Pura<br>Gramma<br>*Pure Silver*<br>*Grams* |
|---|---|---|
| 3.2.2026 | €137.090 | €2.701 |

It-3 ta' Frar, 2026

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 20**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**Għajnsielem**

Nhar il-Erbgħa, 4 ta' Frar, 2026, mill-5.00 a.m. sal-5.00 p.m., minn Triq Ta' Gorgun mill-uffiċċju prinċipali tal-Gozo Channel sa Triq ix-Xatt ħdejn l-għassa tal-pulizija.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

**Bormla**

Nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Frar, 2026, mis-2.00 p.m. sa 11.59 p.m., minn Triq il-Pelegrinaġġ, Triq Hanover, Triq ir-Regatta, Triq il-Gendus u Pjazza Paulino Vassallo.

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

**Il-Belt Valletta**

Nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Frar, 2026, minn nofsinhar sat-8.00 p.m., minn Triq San Pawl minn Triq l-Arċisqof sa Triq

**No. 156**

**GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)**

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

| Data<br>*Date* | Deheb Pur<br>Gramma<br>*Pure Gold*<br>*Grams* | Fidda Pura<br>Gramma<br>*Pure Silver*<br>*Grams* |
|---|---|---|
| 3.2.2026 | €137.090 | €2.701 |

3rd February, 2026

POLICE NOTICE

**No. 20**

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

**Għajnsielem**

On Wednesday, 4th February, 2026, from 5.00 a.m. to 5.00 p.m., through Triq Ta' Gorgun from Gozo Channel's head office to Triq ix-Xatt next to the police station.

Public transport may be affected.

**Cospicua**

On Friday, 6th February, 2026, from 2.00 p.m. to 11.59 p.m., through Triq il-Pelegrinaġġ, Triq Hanover, Triq ir-Regatta, Triq il-Gendus and Pjazza Paulino Vassallo.

Public transport will not be affected.

**Valletta**

On Friday, 6th February, 2026, from noon to 8.00 p.m., through Triq San Pawl from Triq l-Arċisqof to Triq San

San Kristofru u Triq l-Arċisqof minn Triq San Pawl sa Triq il-Merkanti.

It-trasport pubbliku (Valletta circular bus) mhux se jkun affettwat.

**L-Isla**

Nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu, 2026, mis-2.00 p.m. sal-10.00 p.m., minn Pjazza Benedittu XV , Triq iż-Żewġ Mini, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Vitorja, Triq San Ġiljan u Triq l-Arcisqof Mattei.

Trasport pubbliku se jkun affettwat mill-5.00 p.m. sat-8.00 p.m.;

Nhar il-Ħadd, 29 ta' Marzu, 2026, mis-6.00 a.m. sal-10.00 a.m., minn Pjazza Benedittu XV u Triq il-Kurċifiss.

Trasport pubbliku se jkun affettwat. Għeluq se jkun kif meħtieġ u m'hemmx bżonn devjazzjoni tat-trasport pubbliku;

Nhar is-Sibt, 7 ta' Frar, 2026, mill-4.00 p.m. sal-11.59 p.m., minn Pjazza George Mitrovich.

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Nhar il-Ġimgħa, 3 ta' April, 2026, minn nofsinhar sal-11.00 p.m., clearance minn Pjazza Benedittu XV, Triq l-Arċisqof Matte, Triq iż-Żewġ Mini, Pjazza Francesco Zahra, Triq il-Vitorja, Triq il-Ħabs l-Antik u Triq San Pietru u San Pawl.

Trasport pubbliku se jkun affettwat mill-5.00 p.m. sal-10.30 p.m.;

Nhar il-Ħadd, 5 ta'April, 2026, mill-5.00 a.m sal-5.00 p.m., minn Pjazza Benedittu XV, Triq l-Arċisqof Mattei, Triq iż-Żewġ Mini, Pjazza Francesco Zahra u Triq il-Vitorja.

Trasport pubbliku se jkun affettwat mit-8.00 a.m. sas-2.00 p.m.;

Nhar il-Ħadd, 29 ta' Marzu, 2026, minn nofsinhar sad-9.30 p.m., minn Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Vitorja, Pjazza Benedittu XV, Triq l-Isqof Mattei, Triq il-Ħabs l-Antik u Triq iż-Żewġ Mini.

Trasport pubbliku se jkun affettwat mis-6.30 p.m. sad-9.30 p.m.

**Il-Marsa**

Mis-6.00 p.m. tal-Ġimgħa, 6 ta' Frar, 2026 sal-5.00 a.m. tas-Sibt, 7 ta' Frar, 2026, parkeġġ se jkun projbit f'erba' spazji ta' parkeġġ fiż-żewġ kantunieri biss fit-triq ta' quddiem

Kristofru and Triq l-Arċisqof from Triq San Pawl to Triq il-Merkanti.

Public transport (Valletta circular bus) will not be affected.

**Senglea**

On Friday, 27th March, 2026, from 2.00 p.m. to 10.00 p.m., through Pjazza Benedittu XV , Triq iż-Żewġ Mini, Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Vitorja, Triq San Ġiljan and Triq l-Arcisqof Mattei.

Public transport will be affected from 5.00 p.m. to 8.00 p.m.;

On Sunday, 29th March, 2026, from 6.00 a.m. to 10.00 a.m., through Pjazza Benedittu XV and Triq il-Kurċifiss.

Public transport will be affected. Closure will be as required and no public transport deviation is needed;

On Saturday, 7th February, 2026, from 4.00 p.m. to 11.59 p.m., through Pjazza George Mitrovich.

Public transport will not be affected;

On Friday, 3rd April, 2026, from noon to 11.00 p.m., clearance through Pjazza Benedittu XV, Triq l-Arċisqof Matte, Triq iż-Żewġ Mini, Pjazza Francesco Zahra, Triq il-Vitorja, Triq il-Ħabs l-Antik and Triq San Pietru and San Pawl.

Public transport will be affected from 5.00 p.m. to 10.30 p.m.;

On Sunday, 5th April, 2026 from 5.00 a.m to 5.00 p.m. through Pjazza Benedittu XV, Triq l-Arċisqof Mattei, Triq iż-Żewġ Mini, Pjazza Francesco Zahra and Triq il-Vitorja.

Public trasport will be affected from 8.00 a.m. to 2.00 p.m.;

On Sunday, 29th March, 2026, from noon to 9.30 p.m., through Triq il-Kunċizzjoni, Triq il-Vitorja, Pjazza Benedittu XV, Triq l-Isqof Mattei, Triq il-Ħabs l-Antik and Triq iż-Żewġ Mini.

Public trasport will be affected from 6.30 p.m. to 9.30 p.m.

**Marsa**

From 6.00 p.m. of Friday, 6th February, 2026 to 5.00 a.m. of Saturday, 7th February, 2026, parking will be prohibited in four parking spaces in the two corners only in a street in front

l-Uffiċċju tal-Passaporti fi Triq Aldo Moro, Triq is-Salib u Triq Feliċjan Bilocca sal-menqa;

Nhar il-Ħadd, 8 ta' Frar, 2026, mill-11.00 a.m. sal-4.00 p.m., parkeġġ se jkun projbit f'erba' spazji ta' parkeġġ fiż-żewġ kantunieri biss fit-triq ta' quddiem l-Uffiċċju tal-Passaporti fi Triq Aldo Moro, Triq is-Salib u Triq Feliċjan Bilocca sal-menqa;

Mis-6.00 p.m. tal-Ħamis, 12 ta' Frar, 2026 sal-5.00 a.m. tal-Ġimgħa, 13 ta' Frar, 2026, parkeġġ se jkun projbit f'erba' spazji ta' parkeġġ fiż-żewġ kantunieri biss fit-triq ta' quddiem l-Uffiċċju tal-Passaporti fi Triq Aldo Moro, Triq is-Salib u Triq Feliċjan Bilocca sal-menqa;

Mis-6.00 p.m. tal-Ġimgħa, 13 ta' Frar, 2026 sal-5.00 a.m. tas-Sibt, 14 ta' Frar, 2026, parkeġġ se jkun projbit f'erba' spazji ta' parkeġġ fiż-żewġ kantunieri biss fit-triq ta' quddiem l-Uffiċċju tal-Passaporti fi Triq Aldo Moro, Triq is-Salib u Triq Feliċjan Bilocca sal-menqa;

Mis-6.00 p.m. tat-Tlieta, 17 ta' Frar, 2026 sal-5.00 a.m. tal-Erbgħa, 18 ta' Frar, 2026, parkeġġ se jkun projbit f'erba' spazji ta' parkeġġ fiż-żewġ kantunieri biss fit-triq ta' quddiem l-Uffiċċju tal-Passaporti fi Triq Aldo Moro, Triq is-Salib u Triq Feliċjan Bilocca sal-menqa;

Nhar il-Erbgħa, 18 ta' Frar, 2026, mill-5.00 p.m. sas-6.45 p.m., minn Triq Nerik Sacco, Triq Isouard, Trejqet Isouard, Triq il-Bajjada, Triq Azzopardi u Triq l-Assunta. M'hemmx bżonn clearance.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

**Il-Ħamrun/Santa Venera**

Nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Frar, 2026 projbizzjoni tal-parkeġġ u żona ta' rmonk fil-Ħamrun, fi Triq il-Kbira San Ġużepp (minn Triq Patri Magri sa Triq Schembri). Din il-projbizzjoni tapplika mill-Ġimgħa, 6 ta' Frar, 2026, fis-6.00 p.m., sas-Sibt, 7 ta' Frar, 2026, il-ġurnata kollha sas-6.00 p.m.;

Nhar is-Sibt, 7 ta' Frar, 2026, projbizzjoni tal-parkeġġ u żona ta' rmonk fil-Ħamrun u Santa Venera, fi Triq il-Kbira San Ġużepp (minn Triq Schembri, il-Ħamrun, sa Triq Braille, f'Santa Venera). Din il-projbizzjoni tapplika mis-Sibt, 7 ta' Frar, 2026, mit-3.00 p.m. sal-11.00 p.m. Projbizzjoni tal-parkeġġ u żona ta' rmonk f' Santa Venera, fi Triq il-Kbira San Ġużepp (minn Triq il-Lunzjata sa Triq San Tumas). Din il-projbizzjoni tapplika mis-Sibt, 7 ta' Frar, 2026, mis-7.00 p.m., sal-Ħadd, 8 ta' Frar, 2026, sat-3.00 p.m.;

Nhar il-Ħadd, 8 ta' Frar, 2026, projbizzjoni tal-parkeġġ u żona ta' rmonk fil-Ħamrun u Santa Venera, fi Triq il-Kbira San Ġużepp (minn Triq il-Lunzjata Santa Venera sa Triq San Tumas, il-Ħamrun). Din il-projbizzjoni tapplika mill-Ħadd,

of the Passport Office within Triq Aldo Moro, Triq is-Salib and Triq Feliċjan Bilocca till the boat shelter;

On Sunday, 8th February, 2026, from 11.00 a.m. to 4.00 p.m., parking will be prohibited in four parking spaces in the two corners only in the street in front of the Passport Office within Triq Aldo Moro, Triq is-Salib and Triq Feliċjan Bilocca till the boat shelter;

From 6.00 p.m. of Thursday, 12th February, 2026 to 5.00 a.m. of Friday, 13th February, 2026, parking will be prohibited in four parking spaces in the two corners only in the street in front of the Passport Office within Triq Aldo Moro, Triq is-Salib and Triq Feliċjan Bilocca till the boat shelter;

From 6.00 p.m. of Friday, 13th February, 2026 to 5.00 a.m. of Saturday, 14th February, 2026, parking will be prohibited in four parking spaces in the two corners only in the street in front of the Passport Office within Triq Aldo Moro, Triq is-Salib and Triq Feliċjan Bilocca till the boat shelter;

From 6.00 p.m. of Tuesday, 17th February, 2026 to 5.00 a.m. of Wednesday, 18th February, 2026, parking will be prohibited in four parking spaces in the two corners only in the street in front of the Passport Office within Triq Aldo Moro, Triq is-Salib and Triq Feliċjan Bilocca till the boat shelter;

On Wednesday, 18th February, 2026, from 5.00 p.m. to 6.45 p.m., through Triq Nerik Sacco, Triq Isouard, Trejqet Isouard, Triq il-Bajjada, Triq Azzopardi and Triq l-Assunta. No clearance is required.

Public transport will be affected.

**Ħamrun/Santa Venera**

On Friday, 6th February, 2026 prohibition of parking and towing zone in Ħamrun, in Triq il-Kbira San Ġużepp (from Triq Patri Magri to Triq Schembri). This prohibition applies from Friday, 6th February, 2026, at 6.00 p.m., to Saturday, 7th February, 2026, all day to 6.00 p.m.;

On Saturday, 7th February, 2026, prohibition of parking and towing zone in Ħamrun and Santa Venera, in Triq il-Kbira San Ġużepp (from Triq Schembri, Ħamrun, to Triq Braille, in Santa Venera). This prohibition applies from Saturday, 7th February, 2026, from 3.00 p.m. to 11.00 p.m. Prohibition of parking and towing zone in Santa Venera, in Triq il-Kbira San Ġużepp (from Triq il-Lunzjata to Triq San Tumas). This prohibition applies from Saturday, 7th February, 2026, from 7.00 p.m., to Sunday, 8th February, 2026, to 3.00 p.m.;

On Sunday, 8th February, 2026, prohibition of parking and towing zone in Ħamrun and Santa Venera, in Triq il-Kbira San Ġużepp (from Triq il-Lunzjata, Santa Venera to Triq San Tumas, Ħamrun). This prohibition applies from Sunday, 8th

8 ta' Frar, 2026, mis-6.00 a.m. sat-3.00 p.m. Devjazzjonijiet tat-traffiku nhar is-Sibt, 7 u l-Ħadd, 8 ta' Frar 2026, waqt l-attivitajiet tal-Karnival. It-traffiku mill-Belt Valletta fid-direzzjoni tal-Ħamrun se jkun devjat lejn Triq Schembri u/jew Triq Ħal Qormi, li matul il-ħin tal-attivitajiet se tkun two-way. It-traffiku lejn Santa Venera mid-direzzjoni tar-Rabat, Ta' Qali u Birkirkara se jiġi devjat għal Triq Braille, Santa Venera. It-traffiku mill-Marsa Park and Ride u Ħal Qormi fid-direzzjoni tal-Belt Valletta se jiġi devjat għal Triq Ħal Qormi, li se tkun two-way.

Għeluq ta' triq u trasport pubbliku se jkun affettwat.

**Iż-Żejtun**

Nhar l-Erbgħa, 11 ta' Frar, 2026, mit-3.00 p.m. sad-9.00 p.m. minn Misraħ Santa Marija, Triq San Pawl, Misraħ Karlu Diacono, Triq il-Madonna Tal-Bon Kunsill, Misraħ Gregorio Bonnici, Misraħ ir-Repubblika u Triq San Girgor għal Misraħ Wistin Abela.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

**Ħal Qormi**

Nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Frar, 2026, mit-3.00 p.m. sad-9.00 p.m., għeluq ta' triq u clearance minn Pjazza Narbona (minn Triq il- Knisja Arċipretali sa Triq Fontanier).

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Hemm bżonn clearance;

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Marzu, 2026, mit-8.00 a.m. sal-10.00 a.m., mill-Oratorju, Pjazza Federico Maemple (Scouts HQ) fit-8.20 a.m., Triq l-Isqof Scicluna, Triq Santa Katarina, Triq Dun Pietru, Misraħ San Frangisk, Triq il-Kbira, Knisja San Ġorġ għall-quddiesa tad-9.00 a.m., Triq il-Kbira fl-9.45 a.m. (wara l-quddies), Triq Kardinal Xiberras, Triq l-Oratorju, Triq l-Isqof Scicluna, l-Oratorju, Pjazza Federico Maemple (Scouts HQ) fl-10.00 a.m.

Għeluq se jkun kif meħtieġ u m'hemmx bżonn devjazzjoni tat-trasport pubbliku.

M'hemmx bżonn clearance.

**Ħal Għaxaq**

Nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Frar, 2026, mis-7.00 a.m. sas-1.30 p.m., minn Pjazza Santa Marija, Triq Santa Marija (minn Triq Santu Rokku għal Triq il-Bizzilla), Vjal il-Labour (mill-Mużew għall-pjazza), Triq G. M. Farrugia (mill-pjazza għall-każin Santa Marija), Dawret Ħal Għaxaq (service road minn Decotex għal Triq il-Bizzilla), Triq il-Bizzilla għal Triq Santa Marija u Pjazza San Filippu (parkeġġ tan-nofs);

February, 2026, from 6.00 a.m. to 3.00 p.m. Traffic deviation on Saturday, 7th and Sunday, 8th February, 2026 during carnival activities. Traffic from Valletta direction towards Ħamrun will be deviated towards Triq Schembri and/or Triq Ħal Qormi, that during the activities will be two-way. Traffic towards Santa Venera from the direction of Rabat, Ta' Qali and Birkirkara will be deviated towards Triq Braille, Santa Venera. Incoming traffic from Marsa, Park and Ride and Ħal Qormi in the direction of Valletta will be deviated to Triq Ħal Qormi, which will be two-way.

Closure of street and public transport will be affected.

**Żejtun**

On Wednesday, 11th February, 2026 ,from 3.00 p.m. to 9.00 p.m. through Misraħ Santa Marija, Triq San Pawl, Misraħ Karlu Diacono, Triq il-Madonna Tal-Bon Kunsill, Misraħ Gregorio Bonnici, Misraħ ir-Repubblika and Triq San Girgor to Misraħ Wistin Abela.

Public transport will also be affected.

**Ħal Qormi**

On Friday, 13th February, 2026, from 3.00 p.m. to 9.00 p.m., street closure and clearance through Pjazza Narbona (from Triq il-Knisja Arċipretali to Triq Fontanier).

Public transport will not be affected.

Clearance is needed;

On Sunday, 1st March, 2026, from 8.00 a.m. to 10.00 a.m., through the Oratory, Pjazza Federico Maemple (Scouts HQ) at 8.20 a.m., Triq l-Isqof Scicluna, Triq Santa Katarina, Triq Dun Pietru, Misraħ San Franġisk, Triq il-Kbira, Knisja San Ġorġ for the 9.00 a.m. mass, Triq il-Kbira at 9.45 a.m. (after the mass), Triq Kardinal Xiberras, Triq l-Oratorju, Triq l-Isqof Scicluna, the Oratory, Pjazza Federico Maemple (Scouts HQ) at 10.00 a.m.

Closures will be as required and no diversion needed for public transport.

Clearance is not needed.

**Ħal Għaxaq**

On Friday, 13th February, 2026, from 7.00 a.m. to 1.30 p.m., through Pjazza Santa Marija, Triq Santa Marija (from Triq Santu Rokku to Triq il-Bizzilla), Vjal il-Labour (from Museum to the square), Triq G. M. Farrugia (from the square to Santa Marija band club), Dawret Ħal Għaxaq (service road from Decotex to Triq il-Bizzilla), Triq il-Bizzilla to Triq Santa Marija and Pjazza San Filippu (parking in the middle);

Nhar il-Ħadd, 15 ta' Frar, 2026, from 5.30 p.m. għal 11.30 p.m., mill-pjazza, Triq Santa Marija (from Triq Santu Rokku għal Triq il-Ġebellin), Vjal il-Labour (mill-mużew sal-pjazza) u Triq G. M. Farrugia (mill-pjazza għall-każin Santa Marija);

Nhar it-Tnejn, 16 ta' Frar, 2026, fil-5.30 p.m., sas-1.00 a.m. tat-Tlieta, 17 ta' Frar, 2026, mill-pjazza, Triq Santa Marija (minn Triq Santu Rokku għal Triq il-Ġebellin), Vjal il-Labour (mill-mużew sal-pjazza) u Triq G. M. Farrugia (mill-pjazza għall-każin Santa Marija);

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Frar, 2026, mill-5.30 p.m. sal-11.30 p.m., mill-pjazza, Triq Santa Marija (minn Triq Santu Rokku għal Triq il-Ġebellin), Vjal Il-Labour (mill-mużew għall-pjazza) u Triq G. M. Farrugia (mill-pjazza għall-każin Santa Marija).

**Il-Ħamrun**

Nhar il-Erbgħa, 18 ta' Frar, 2026, mis-6.30 p.m. 'il quddiem, minn Triq il-Kappillan Mifsud, Pjazza Kappillan Muscat, Triq il-Fatati u Triq Manuel Magri sal-knisja.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat;

Nhar il-Ħadd, 22 ta' Marzu, 2026, mill-4.30 p.m. sat-8.30 p.m., minn Triq Manwel Magri, Triq Ġużè Pace, Triq Fra Gaetano Pace Forno, Triq Ċensu Bugeja, Triq Adelaide Cini, Triq Lord Byron, Triq il-Franġiskani, Triq Monsinjur De Piro u Triq il-Kappillan Mifsud.

Hemm bżonn ta' clearance fi Triq Fra Gaetano Pace Forno, Triq Ċensu Bugeja u Triq Adelaide Cini.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Nhar il-Ġimgħa, 27 ta' Marzu, 2026, mis-6.15 p.m. sat-8.15 p.m., minn Triq Manwel Magri, Triq Joe Sciberras, Triq Alexander, Triq Nuzzo, Triq id-Duluri, Triq il-Ferrovija, Triq Maitland, Triq il-Fatati, Pjazza Kappillan Muscat u Triq il-Kappillan Mifsud sal-knisja.

M'hemmx bżonn ta' clearance.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Nhar il-Ħadd, 29 ta' Marzu, 2026, mid-8.45 a.m. sal-10.00 a.m., minn Triq Villambrosa, Triq il-Kanonku Bonnici u Triq il-Kappillan Mifsud sal-knisja.

M'hemmx bżonn ta' clearance.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat;

Nhar il-Ħadd, 12 ta' April, 2026, mid-9.00 a.m. sa nofsinhar, minn Triq Roger Debattista, Triq it-Tramm, Triq il-Kappillan

On Sunday, 15th February, 2026, from 5.30 p.m. to 11.30 p.m., through the square, Triq Santa Marija (from Triq Santu Rokku to Triq il-Ġebellin), Vjal il-Labour (from the museum to the square) and Triq G. M. Farrugia (from the square to Santa Marija band club);

On Monday, 16th February, 2026, at 5.30 p.m., to 1.00 a.m. of Tuesday, 17th February, 2026, through the square, Triq Santa Marija (from Triq Santu Rokku to Triq il-Ġebellin), Vjal il-Labour (from the museum to the square) and Triq G. M. Farrugia (from the square to Santa Marija band club);

On Tuesday, 17th February, 2026 from 5.30 p.m. to 11.30 p.m. through the square, Triq Santa Marija (from Triq Santu Rokku to Triq il-Ġebellin), Vjal il-Labour (from the museum to the square) and Triq G. M. Farrugia (from the square to Santa Marija band club).

**Ħamrun**

On Wednesday, 18th February, 2026, from 6.30 p.m. onwards, through Triq il-Kappillan Mifsud, Pjazza Kappillan Muscat, Triq il-Fatati and Triq Manuel Magri till the church.

Public transport will be affected;

On Sunday, 22nd March, 2026, from 4.30 p.m. to 8.30 p.m., through Triq Manwel Magri, Triq Ġużè Pace, Triq Fra Gaetano Pace Forno, Triq Ċensu Bugeja, Triq Adelaide Cini, Triq Lord Byron, Triq il-Franġiskani, Triq Monsinjur De Piro and Triq il-Kappillan Mifsud.

Clearance is required in Triq Fra Gaetano Pace Forno, Triq Ċensu Bugeja and Triq Adelaide Cini.

Public transport will not be affected;

On Friday, 27th March, 2026, from 6.15 p.m. to 8.15 p.m., through Triq Manwel Magri, Triq Joe Sciberras, Triq Alexander, Triq Nuzzo, Triq id-Duluri, Triq il-Ferrovija, Triq Maitland, Triq il-Fatati, Pjazza Kappillan Muscat and Triq il-Kappillan Mifsud till the church.

Clearance is not required.

Public transport will not be affected;

On Sunday, 29th March, 2026, from 8.45 a.m. to 10.00 a.m., through Triq Villambrosa, Triq il-Kanonku Bonnici and Triq il-Kappillan Mifsud till the church.

Clearance is not required.

Public transport will be affected;

On Sunday, 12th April, 2026, from 9.00 a.m. to noon, through Triq Roger Debattista, Triq it-Tramm, Triq il-Kappillan

Mifsud, Triq Manwel Magri, Triq Ġużè Maria Camilleri, Pjazza Kappillan Muscat, Triq Wenzu Mallia u Triq il-Liċew.

M'hemmx bżonn ta' clearance.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

**Ħal Kirkop**

Nhar it-Tlieta, 24 ta' Marzu, 2026 minn Triq il-Fdalijiet Paleokristjani u Triq San Ġwann.

Għalkemm m'hemmx bżonn għeluq ta' triq, se jkun hemm bżonn cleance għat-toroq imsemmija hawn fuq minħabba l-1 km Fun Run organizzata mill-Middle School fir-rotot indikati.

Uffiċjali se jkunu meħtieġa f'dawn it-toroq biex jiffaċilitaw il-clearance mis-7.30 a.m. san-12.30 p.m.

Sinjali tan-no-parking se jkunu mqiegħda jumejn qabel l-avveniment. Clearance ta' ċertu karozzi jistgħu jsiru bl-assistenza ta' żewġ uffiċjali tal-pulizija, skont il-prattiki normali.

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-3 ta' Frar, 2026

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 21**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**Ta' Xbiex**

Nhar il-Ħadd, 8 ta' Marzu, 2026, mill-4.00 a.m. sad-9.00 a.m., minn ix-Xatt ta' Ta' Xbiex (fil-car park, għaxar parking spaces ħdejn il-Black Pearl).

**Ir-Rabat, Malta**

Nhar il-Ħadd, 15 ta' Frar, 2026, mill-10.00 a.m. sas-2.00 p.m., ħadd ma jista' jipparkja fi Triq il-Kbira, Misraħ

Mifsud, Triq Manwel Magri, Triq Ġużè Maria Camilleri, Pjazza Kappillan Muscat, Triq Wenzu Mallia and Triq il-Liċew.

Clearance is not required.

Public transport will not be affected.

**Ħal Kirkop**

On Tuesday, 24th March, 2026 through Triq il-Fdalijiet Paleokristjani and Triq San Ġwann.

Although a road closure will not be required, clearance is being requested for the above-mentioned roads in view of a 1 km Fun Run organised by the Middle School along the indicated routes.

Officials will be required on these roads to facilitate clearance from 7.30 a.m. to 12.30 p.m.

No-parking signs will be placed two days prior to the event. Clearance of some cars may be handled with the assistance of two community police officers, as per usual practice.

Public transport will not be affected

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

3rd February, 2026

POLICE NOTICE

**No. 21**

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

**Ta' Xbiex**

On Sunday, 8th March, 2026, from 4.00 a.m. to 9.00 a.m., through Ix-Xatt ta' Ta' Xbiex (in the car park, 10 parking spaces near Black Pearl).

**Rabat, Malta**

On Sunday, 15th February, 2026, from 10.00 a.m. to 2.00 p.m., no parking is allowed in Triq il-Kbira, Misraħ

il-Parroċċa, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Pjazza l'Isle Adam u Wesgħet Anton Agius.

Trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-3 ta' Frar, 2026

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 22**

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**Ħal Għaxaq**

Nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Frar, 2026, mis-7.00 a.m. sas-1.00 p.m., minn Vjal il-Labour (minn ħdejn il-mużew sal-pjazza), Triq Santa Marija (minn Triq Santu Rokku għal Triq il-Bizzilla), Triq G. M. Farrugia, Triq il-Gudja (minn Triq Dun Marcell Mallia għal Triq San Filippu), Triq San Filippu (minn Triq il-Belt Valletta għal Triq Santu Rokku) u Triq iċ-Ċeppun;

Nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Frar, 2026, mid-9.30 a.m. sal-11.00 a.m., minn Triq San Filippu minn Dawret Ħal Għaxaq, service road minn Decotex għal Triq il-Bizzilla u Triq il-Bizzilla;

Nhar il-Ħadd, 15 ta' Frar, 2026, mis-6.30 p.m. sal-11.30 p.m., minn Vjal il-Labour (ħdejn il-mużew), Triq Santa Marija (minn Triq Santu Rokku) u Triq G. M. Farrugia.

Nhar it-Tnejn, 16 ta' Frar, 2026, mis-6.30 p.m., sas-1.00 a.m. tat-Tlieta, 17 ta' Frar, 2026, minn Vjal il-Labour (mill-mużew), Triq Santa Marija (minn Triq Santu Rokku) u Triq G. M. Farrugia;

Nhar it-Tlieta, 17 ta' Frar, 2026, mis-6.30 p.m. sal-11.30 p.m., minn Vjal il-Labour (minn ħdejn il-mużew), Triq Santa Marija (minn Triq Santu Rokku) u Triq G. M. Farrugia.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-3 ta' Frar, 2026

il-Parroċċa, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Pjazza l'Isle Adam and Wesgħet Anton Agius.

Public transport will not be affected.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

3rd February, 2026

POLICE NOTICE

**No. 22**

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

**Ħal Għaxaq**

On Friday, 13th February, 2026, from 7.00 a.m. to 1.00 p.m., through Vjal il-Labour (from near museum till the square), Triq Santa Marija (from Triq Santu Rokku to Triq il-Bizzilla), Triq G. M. Farrugia, Triq il-Gudja (from Triq Dun Marcell Mallia to Triq San Filippu), Triq San Filippu (from Triq il-Belt Valletta to Triq Santu Rokku) and Triq iċ-Ċeppun;

On Friday, 13th February, 2026, from 9.30 a.m. to 11.00 a.m., through Triq San Filippu from Dawret Ħal Għaxaq, service road from Decotex to Triq il-Bizzilla and Triq il-Bizzilla;

On Sunday, 15th February, 2026, from 6.30 p.m. to 11.30 p.m., through Vjal il-Labour (near the museum), Triq Santa Marija (from Triq Santu Rokku) and Triq G. M. Farrugia;

On Monday, 16th February, 2026, from 6.30 p.m., to 1.00 a.m. of Tuesday, 17th February, 2026, through Vjal il-Labour (from museum), Triq Santa Marija (from Triq Santu Rokku) and Triq G. M. Farrugia;

On Tuesday, 17th February, 2026, from 6.30 p.m. to 11.30 p.m., through Vjal il-Labour (from near the museum), Triq Santa Marija (from Triq Santu Rokku) and Triq G. M. Farrugia.

Public transport will also be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

3rd February, 2026

TRANSPORT MALTA

**Avviż lill-Baħħara Nru 9 tal-2026**

*Korrezzjoni ta' Chart – Stabbiliment ta' Emergency Wreck Buoy fil-Port il-Kbir (Grand Harbour)*

B'referenza għal BA Chart 177 – Valletta Harbours

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinforma lill-baħħara li ġie stabbilit 'emergency wreck buoy' biex jindika bastiment mgħarraq fid-Daħla tal-Kalkara.

Daħħal: simbolu 

fil-pożizzjoni li ġejja:

| *Latitudni (T)* | *Longitudni (L)* |
|---|---|
| 35° 53'.436 | 014° 31'.300 |

Chart affettwata: BA Chart 177

Pożizzjonijiet b'referenza għal WGS 84 DATUM

It-3 ta' Frar, 2026

TRANSPORT MALTA

**Notice to Mariners No. 9 of 2026**

*Chart Correction - Establishment of Emergency Wreck Buoy within Il-Port il-Kbir (Grand Harbour)*

Reference is made to BA Chart 177 – Valletta Harbours

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies Mariners that an emergency wreck buoy has been established to indicate a submerged vessel at Id-Daħla tal-Kalkara.

Insert: symbol 

at the following position:

| *Latitude (N)* | *Longitude (E)* |
|---|---|
| 35° 53'.436 | 014° 31'.300 |

Chart affected: BA Chart 177

Positions referred to WGS 84 DATUM

3rd February, 2026

TRANSPORT MALTA

**Avviż lill-Baħħara Nru 10 tal-2026**

*Korrezzjoni ta' Chart – Bastiment mgħarraq fil-Port il-Kbir (Grand Harbour)*

B'referenza għal BA Chart 177 – Valletta Harbours

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jinforma lill-baħħara li hemm bastiment mgħarraq fid-Daħla tal-Kalkara.

Daħħal: simbolu 

fil-pożizzjoni li ġejja:

| *Latitudni (T)* | *Longitudni (L)* |
|---|---|
| 35° 53'.437 | 014° 31'.295 |

Chart affettwata: BA Chart 177

Pożizzjonijiet b'referenza għal WGS 84 DATUM.

It-3 ta' Frar, 2026

TRANSPORT MALTA

**Notice to Mariners No. 10 of 2026**

*Chart Correction – Wreck within Il-Port il-Kbir (Grand Harbour)*

Reference is made to BA Chart 177 – Valletta Harbours

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies Mariners that a pleasure craft has sunk at Id-Daħla tal-Kalkara.

Insert: symbol 

at the following position:

| *Latitude (N)* | *Longitude (E)* |
|---|---|
| 35° 53'.437 | 014° 31'.295 |

Chart affected: BA Chart 177

Positions referred to WGS 84 DATUM

3rd February, 2026

AWTORITÀ TA' STANDARDS TA' ĦARSIEN SOĊJALI

**Post ta' Junior Professional Officer (Operations)**

L-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali tgħarraf rigward il-vakanza għall-Post ta' Junior Professional Officer (Operations) skont numru tal-permess ta' Jobsplus 293/2025.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent number 2330/2025 in the names Carmel sive Lino Farrugia, married, son of the late John Farrugia and Edwige née Galea, born in Floriana on the 18th December, 1955 and residing at Fgura, holder of identity card number 40256M; Alessandro sive Sandro Farrugia, married, son of the late John Farrugia and Edwige née Galea, born in Floriana on the 25th January, 1957, and residing at Santa Venera, holder of identity card number 121657M; Maria Gabriella Farrugia née Farrugia, unmarried, daughter of the late John Farrugia and Edwige née 'Galea, born in Floriana on the 4th June, 1958, and residing at Ħ'Attard, holder of identity card number 448758M; Angela Incorvaja née Farrugia, married, daughter of the late John Farrugia and Edwige née Galea, born in Floriana on the 4th March 1961, and residing at San Pawl Il-Bahar, holder of identity card number 197561M; Joseph Farrugia, married, son of the late John Farrugia and Edwige née 'Galea, born in Attard on the 1st January 1966 and residing in Attard, holder of identity card number 51366M vs Lands Authority as successors in title of St Augustine's Convent in Valletta; Deputy Curators to represent: i) the unknown successors in title of Antonio Buhagiar, previously a clerk at Dockyard, son of the late Giovanni Buhagiar and Maria Dolores née Schembri, born in Floriana and resided in Floriana; ii) the unknown successors of Giorgio Fenech, previously pensioner, son of the late Francesco Fenech and Angela née Grima, born in Ħal Qormi, previously residing in Tas-Sliema; iii) the unknown successors in title of Filippa Caruana, wife of the late Salvatore Caruana, widow of Francesco sive Frances Caruana and widow of legal Procurator Giuseppe Galea, daughter of the late Giovanni Antonio Pisani and Maria née Pantalleresco, born in Ħamrun and resided in Ħamrun, filed on the 30th October, 2025, whereby Carmel sive Lino Farrugia (ID 40256M) et respectfully submitted:

1. That by means of a contract in the records of Notary Dr John Tabone Adami dated 9th May, 1958 (copy attached Doc. A), the predecessor in title of the applicant, John Pace acquired inter alia:

'The perpetual and emphyteutical sub-utile dominium of the two apartments in Hamrun, Ghosts Street, without number and named 'Stella' [...] subject to the rate of perpetual sub-groundrent of three liri and twelve shillings per annum';

2. That today the property in question bears the address of 5 previously 3A/3B, 'Stella', Triq Wenzu Mallia previously Lyceum Avenue previously Triq il-Fatati, Ħamrun, and is shown marked on the plan hereby attached Doc. A1;

3. Illi skont kif jirriżulta mill-kuntratt Dok. A, il-fond 'Stella' huwa suġġett għaċ-ċens u subċens annwu u perpetwu ta' tliet liri u tnax-il xelin fis-sena (Lm3.12.0) ekwivalenti għal Lm3.60 u ċoè €8.38;

4. Illi l-proprjetà surreferita ġiet żviluppata fuq parti minn porzjon art fabrikabbli akbar li kienet magħrufa bħala 'Tal-Bastiun', liema porzjon art kien ġie konċess b'titolu ta' ċens perpetwu ta' 27 sterlina 16-il xelin and 6 soldi (£27.16.6) ikkalkulati bir-rata ta' xelin u sitt soldi (£0.1.6) kull qasba kwadra, mill-Kunvent ta' San Wistin tal-Belt Valletta (illum l-Awtorità tal-Artijiet) a favur ċertu Antonio Buhagiar u dan permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Ettore Francesco Vassallo datat 18 ta' April, 1936;

5. Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Ettore Francesco Vassallo datat 19 ta' Ottubru, 1936, l-imsemmi Antonio Buhagiar ikkonċeda a favur Giorgio Fenech inter alia sitt siti formanti parti mill-imsemmi porzjon art fabrikabbli b'titolu ta' subċens annwu u perpetwu ta' 21 lira sterlina (£21) ikkalkulati bir-rata ta' żewġ xelini u sitt soldi kull qasba kwadra (£0.2.6);

6. Illi sussegwentement permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. Ettore Francesco Vassallo datat 22 ta' Frar, 1937, Giorgio Fenech ikkonċeda parti minn dan il-porzjon art surreferit, liema parti kienet tal-kejl ta' 145 qasba kwadra, favur Salvatore Caruana u Filippa Caruana versu subċens annwu u perpetwu fl-ammont ta' wieħed u għoxrin lira u ħmistax-il xelin ekwivalenti għal Lm21.75 ekwivalenti ghal €50.66, ikkalkulati bir-rata ta' tliet xelini kull qasba kwadra (Lm0.3s.0), liema rata kienet tinkludi integralment ir-rata taċ-ċens oriġinali, is-subċens u l-awment impost fuq l-istess kuntratt tal-1937 surreferit;

7. Illi Salvatore Caruana u Filippa Caruana permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. John Tabone Adami datat 6 ta' Frar, 1954, kienu kkonċedew b'titolu ta' subenfitewsi annwu u perpetwu favur Natalino Farrugia porzjon minn dan is-sit fabbrikabbli formanti parti mit-territorju 'Tal-Bastiun' surriferit, liema porzjoni kienet tal-kejl ta' ċirka 40 qasba kwadra versu s-subċens annwu u perpetwu ta' sitt liri u żewġ xelini (Lm6.2.0) ekwivalenti ghal Lm6.10 u ċoè €14.21, liema rata tinkludi r-rata rispettiva taċ-ċens originali;

8. Illi fuq parti minn dan is-sit tal-kejl intier ċirka 40 qasba kwadra li kien ġie konċess favur Natalino Farrugia ġiet żviluppata inter alia il-proprjetà in mertu u ċoè d-dar b'żewġ appartamenti fuqha bl-isem 'Stella' bħala suġġetta għaċ-ċens u subċens annwu u perpetwu ta' Lm3.60 ekwivalenti ghal €8.38. Permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. John Tabone Adami datat 13 ta' Mejju, 1955, din id-dar ġiet akkwistata minn ċertu Antonio Spiteri bħala suġġetta għall-imsemmi ċens u subċens ta' Lm3.60;

3. That as results from the contract Doc. A, the premises "Stella" is subject to the annual and perpetual groundrent and subgroundrent of three liri and twelve shillings per year. (Lm3.12.0) equivalent to Lm 3.60 and i.e. €8.38;

4. That the above mentioned property was developed on part of a larger developable portion of land which was known as 'Tal-Bastiun' which portion of land was granted by title of perpetual emphyteusis of 27 sterling 16 shillings and 6 pence. (£27.16.6) calculated at the rate of one shilling and six pence (£0.1.6) per square cane, from St Augustine's Convent in Valletta (today the Lands Authority) in favour of certain Antonio Buhagiar and this by means of a contract in the records of Notary Dr Ettore Francesco Vassallo dated 18th April, 1936;

5. That by means of a contract in the records of Notary Ettore Francesco Vassallo dated 19th October, 1936, the said Antonio Buhagiar granted in favour of Giorgio Fenech inter alia six sites forming part of the said portion of developable land by title of annual and perpetual subgroundrent of 21 pounds sterling (£21) calculated at the rate of two shillings and six pence each square cane (£0.2.6);

6. That subsequently by means of a contract in the records of Notary Dr Ettore Francesco Vassallo dated 22nd February, 1937, Giorgio Fenech granted part of this portion of land above mentioned, which part was of the area of 145 square canes, in favour of Salvatore Caruana and Filippa Caruana towards an annual and perpetual subgroundrent in the amount of twenty one liri and fifteen shillings equivalent to Lm21.75 equivalent to €50.66, calculated at the rate of three shillings per square cane (Lm0.3s.0), which rate included inter alia the rate of the original groundrent, the groundrent and the increase imposed on the same contract of 1937 abovementioned;

7. That by means of a contract in the records of Notary Dr John Tabone Adami dated 6th February, 1954, Salvatore Caruana and Filippa Caruana had granted by title of annual and perpetual sub-emphyteusis in favour of Natalino Farrugia a portion of this developable site forming part of the territory 'Tal-Bastiun' abovementioned, which portion was of the area of about 40 square canes towards the annual and perpetual sub-groundrent of six liri and two shillings (Lm6.2.0) equivalent to Lm6.10 and i.e. €14.21 which rate includes the respective rate of the original groundrents;

8. That on part of this site measuring about 40 square canes which had been granted in favour of Natalino Farrugia, inter alia the property in question and namely the house with two apartments on it with the name 'Stella' as subject to the annual and perpetual groundrent and subgroundrent of Lm3.60 equivalent to €8.38. By means of a contract in the records of Notary Dr John Tabone Adami dated 13th May, 1955, this house was acquired by a certain Antonio Spiteri as subject to the said groundrent and subgroundrent of Lm3.60;

9. Illi kif ġja spjegat, l-imsemmi Antonio Spiteri kien imbagħad biegħ u trasferixxa favur John Pace l-imsemmija proprjetà bl-isem 'Stella' permezz tal-kuntratt Dok. A1;

10. Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Antonio Carbonaro datat 28 ta' Lulju; 1958, Salvatore Caruana biegħ u trasferixxa favur Filippa Caruana n-nofs sehem indiviż tas-subdirett perpetwu impost inter alia fuq il-fond in mertu u s-sub canone relattiv ta' sitt liri u żewġ xelini fis-sena (Lm6.2.0);

11. Illi għalhekk dan iċ-ċens, subċens u sussegwentement awment fl-ammont ta' Lm3.60 (ekwivalenti ghal €8.38) huwa pagabbli lid-depożitati skont is-sehem dovut lilhom;

12. Illi r-rikorrenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà moghtija lilhom ai termini tal-Artikolu 1501 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi effettivament jifdu l-imsemmi ċens u subċens ai termini tal-istess liġi a favur id-depożitati hawn fuq imsemmija;

13. Illi l-esponenti jiddikjaraw li huma s-suċċessuri fit-titolu tal-konjuġi John Pace u ta' Ines Maria Pace. John Pace miet fit-23 ta' Ġunju, 1988, u permezz tal-ahhar testment tiegħu unica charta fl-atti tan-Nutar Dott. John Cachia Zammit datat 21 ta' Marzu, 1987, is-sehem tiegħu mill-fond in mertu tħalla b'titolu ta' legat favur ir-rikorrenti, suġġett ghall-użufrutt ta' Ines Maria Pace;

14. Illi Ines Maria Pace mietet fid-29 ta' Mejju, 1993, u skont l-aħħar testment tagħha datat 17 ta' Settembru, 1991, fl-atti tan-Nutar Dott. John Cachia Zammit hi nnominat lir-rikorrenti bħala eredi universali tagħha f'sehem indaqs bejniethom. Għalhekk il-wirt tagħha inkluż sehemha mill-fond de quo, iddevolva fuq ir-rikorrenti;

15. Illi għalhekk dan il-fidi u kontestwalment depożitu qiegħed isir mill-esponenti bħala s-suċċessuri fit-titolu ta' John Pace u ta' Ines Maria Pace;

16. Illi dan iċ-ċens u s-subċens annwu u perpetwu flimkien ammontanti għal Lm3.60 ekwivalenti ghal €8.38 ikkapitalizzat bir-rata ta' 5% ai termini tal-Artikolu 1501 tal-Kap. 16 jammonta ghal €167.60 pagabbli lid-depożitati skont is-sehem dovut lilhom;

17. Illi permezz ta' din ic-cedola, l-esponenti qegħdin ukoll jiddepożitaw l-ammont ta' €41.90 rappreżentanti ħames snin arretrati taċ-ċens, subċens u awment;

18. Illi l-esponenti jiddikjaraw li huma ma jafux min huma s-suċċessuri fit-titolu ta' Antonio Buhagiar, Giorgio Fenech u Filippa Caruana u għalhekk il-fidi fil-konfront tal-istess subdirettarji qiegħed isir kontra kuraturi deputati.

9. That as already explained, the said Antonio Spiteri had then sold and transferred in favour of John Pace the said property with the name 'Stella' by means of the contract Doc A1;

10. That by means of a contract in the records of Notary Antonio Carbonaro dated 28th July; 1958, Salvatore Caruana sold and transferred in favour of Filippa Caruana the undivided half share of the perpetual sub direct imposed inter alia on the premises in question and the relative sub canone of six liri and two shillings per year (Lm6.2.0);

11. That thus this groundrent, subgroundrent and subsequently increase in the amount of Lm3.60 (equivalent to €8.38) is payable to the depositors according to the share due to them;

12. That the applicants wish to avail themselves of the faculty given to them in terms of Article 1501 of Cap. 16 of the Laws of Malta by effectively redeeming the said groundrent and subgroundrent in terms of the same law in favour of the respondents above mentioned;

13. That the applicants declare that they are the successors in title of spouses John Pace and of Ines Maria Pace. John Pace died on the 23rd June, 1988, and by means of his last will unica charta in the records of Notary Dr John Cachia Zammit dated 21st March, 1987, his share of the premises in question was paid by title of legacy in favour of the applicants, subject to the usufruct of Ines Maria Pace;

14. That Ines Maria Pace died on the 29th May, 1993, and according to her last will dated 17th September, 1991, in the records of Notary Dr John Cachia Zammit she nominated the applicant as her universal heir in equal shares between them. Thus her inheritance including her share of the premises de quo, devolved on the applicant;

15. That thus this redemption and concurrent deposit is being made by the applicants as the successors in title of John Pace and Ines Maria Pace;

16. That this annual and perpetual groundrent and subgroundrent together amounting to Lm3.60 equivalent to €8.38 capitalised at the rate of 5% in terms of Article 1501 of Cap. 16 amounts to €167.60 payable to the depositors according to the share due to them;

17. That by means of this Schedule of deposit, the applicants are also depositing the amount of €41.90 representing five years arrears of groundrent, subgroundrent and increase;

18. That the applicants declare that they do not know who the successors in title of Antonio Buhagiar, Giorgio Fenech and Filippa Caruana are and thus the redemption against the same sub-direct owners is being made against deputy curators.

Għaldaqstant, l-esponenti qegħdin jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u jiddepożitaw taht l-awtorità tagħha s-somma ta' mitejn u disa' ewro u ħamsa u ħamsin ċenteżmu (€209.50) rappreżentanti inkwantu mija u sebgħa u sittin ewro u sittin ċenteżmu (€167.60) bħala fidi taċ-ċens, subċens u awmenti taċ-ċens annwu u perpetwu u inkwantu wieħed u erbgħin ewro u disgħin ċenteżmu (€41.90) bħala arretrati ta' ċens, subċens u awmenti fiċ-ċens kif spjegat f'din iċ-ċedola, liema somma għandha tiġi liberalment żbankata mill-intimati skont is-sehem dovut lilhom u dan wara li titħalla d-debita riċevuta.

Depożitanti: Carmel Lino Farrugia et, 33, Qarinza, Triq il-Kitba, Il-Fgura

Depożitati: i) L-Awtorità tal-Artijiet, Il-Berġa tal-Baviera, Triq San Bastjan, Il-Belt Valletta

ii) Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredi mhux magħrufa ta' Antonio Buhagiar, Giorgio Fenech u Filippa Caruana, il-Qorti, Il-Belt Valletta

Notifika ulterjuri: Direttur tar-Reġistru Pubbliku

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Doreen Clarke, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 3 ta' Novembru, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Jannar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Thus, the applicants are calling upon this Honourable Court and depositing under its Authority the sum of two hundred and nine euro and fifty cents (€209.50) representing one hundred and sixty seven euro and sixty cents (€167.60) as redemption of the annual and perpetual groundrent, subgroundrents and increases of groundrent and as to forty one euro and ninty cents (€41.90) as arrears of groundrent, subgroundrent and increases in groundrent as explained in this Schedule of deposit, which sum is to be freely withdrawn by the respondents according to the share due to them and this after the due receipt is paid.

Applicants: Carmel Lino Farrugia et, 33, Qarinza, Triq il-Kitba, Fgura

Notification: i)Lands Authority, Auberge de Baviere, Triq San Bastjan, Valletta

ii) Deputy Curators to represent the unknown heirs of Antonio Buhagiar, Giorgio Fenech and Filippa Caruana, Law Courts, Valletta

Additional service: Director Public Registry

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the above mentioned Superior Court with the witness of the Hon. Madam Justice Doreen Clarke, LLD, Doctor of Laws.

This 3rd November, 2025

Registry of the Superior Courts, today 30th January, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

290

Permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Jannar, 2026, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tal-Ittra numru 1216/2025 fl-ismijiet Andrea Briffa vs Jael Vella, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Jael Vella a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By means of a decree of the 21st January, 2026, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Letter in the names Andrea Briffa vs Jael Vella, in the Letter number 1216/2025, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Jael Vella in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Permezz ta' rikors fl-atti tal-Ittra numru 1216/2025 fl-ismijiet Andrea Briffa vs Jael Vella, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fit-13 ta' Ottubru, 2025, ir-rikorrenti Andrea Briffa (KI 425202L) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri lill-esponenti.

Rikorrenti: 38, Villa Serenity, Daħlet il-Mitjar il-Qadim, Birżebbuġa

Notifika: Jaetrist, Triq il-Bur, Marsaskala

Qorti (Sezzjoni tal-Familja) – l-Onor. Imħallef Jaqueline Padovani Grima, LLD, LLM, (IMLI)

Ittra numru 1216/2025

Il-Qorti,

Rat ir-rikors,

Tordna notifika tal-istess lill-kontroparti b'ħamest (5) ijiem utili għar-risposta.

Illum 15 ta' Ottubru, 2025

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 30 ta' Jannar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application in the Letter number 1216/2025 in the names Andrea Briffa vsw Jael Vella, filed in the Civil Court (Family Section), on the 13th October, 2025, the applicant Andrea Briffa (ID 425202L) requested this Honourable Court to entrust the care and custody of the minor to the applicant.

Applicant: 38, Villa Serenity, Daħlet il-Mitjar il-Qadim, Birżebbuġa

Notification: Jaetrist, Triq il-Bur, Marsaskala

Civil Court (Family Section) – the Honourable Madame Justice Jacqueline Padovani Grima, LLD, LLM, (IMLI)

Letter Number 1216/2025

The Court,

Saw the application,

Orders that the same be notified to the respondent who has five (5) working days to file a reply.

Today 15th October, 2025

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 30th January, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

291

Permezz ta' digriet mogħti fid-9 ta' Diċembru, 2025, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 77/2021AL fl-ismijiet Marianne Wellmann vs Joseph Zammit, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Marianne Wellmann a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta rikors fl-ismijiet Marianne Wellmann (KI 0399777M) vs Joseph Zammit (KI 0584576M) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 77/2021AL, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fil-5 ta' Settembru, 2025, ir-rikorrenti Joseph Zammit talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna illi s-somma ta' €250 ossija, nofs il-manteniment preżentement pagabbli lill-attriċi versu l-ħtiġijiet taż-żewġ ulied tal-kontendenti, tiġi mħallsa direttament lil iben il-kontendenti Luca Zammit; u

2. Tordna illi s-somma ta' €250 ossija nofs il-manteneniment preżentement pagabbli lill-attriċi versu

By means of a decree of the 9th December, 2025, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Sworn Application in the names Marianne Wellmann vs Joseph Zammit, Application Number 77/2021AL, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Marianne Wellmann in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an Application in the records of the sworn application Number 77/2021AL in the names Marianne Wellmann (ID 0399777M) vs Joseph Zammit (ID 0584576M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 5th September, 2025, the applicant Joseph Zammit requested this Honourable Court to:

1. Order that the sum of €250 or rather, half of the maintenance presently payable to the plaintiff towards the needs of the two children of the parties, be paid directly to the son of the parties Luca Zammit; and

2. Order that the sum of €250 or rather half of the maintenance presently payable to the plaintiff towards the

l-ħtigijiet taż-żewġ ulied tal-kontendenti tibqa' tiġi mħallsa direttament lill-attriċi u versu l-ħtigijiet ta' bint il-kontendenti Valentina Zammit

Qorti (Sezzjoni tal-Familja) – l-Onor Imħallef Abigail Lofaro, LLD, Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law).

Rikors Ġuramentat numru 77/2021AL

Il-Qorti,

Rat ir-rikors,

Tordna notifika tal-istess lill-kontroparti b'ħamest (5) ijiem utili għar-risposta.

Illum 9 ta' Settembru, 2025

Notifika: Marianne Wellman, Ta' San Tumas, Block 2, Flat 4, Triq il-Gandoffli, Marsaskala

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 30 ta' Jannar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

needs of the two children of the parties continues to be paid directly to the plaintiff and towards the needs of the daughter of the parties Valentina Zammit

Civil Court (Family Section) – the Honourable Madam Justice Abigail Lofaro, LLD Dip. Stud. Rel. Mag. Jur. (Eur. Law)

Sworn Application number 77/2021AL

The Court,

Having seen the application,

Order the notification to the respondent with a right of reply within five (5) working days.

Today 9th September, 2025

Notification: Marianne Wellman, Ta' San Tumas, Block 2, Flat 4, Triq il-Gandoffli, Marsaskala

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 30th January, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

292

Permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Jannar, 2026, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 507/2025AGV fl-ismijiet Claudette ġja Azzopardi Galdes vs Gesualdo sive Jesmond Azzopardi, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Gesualdo sive Jesmond Azzopardi a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta rikors guramentat fl-ismijiet Claudette ġja Azzopardi Galdes (KI 160273M) vs Gesualdo sive Jesmond Azzopardi (KI 203565M) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 507/2025AGV, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-20 ta' Ottubru, 2025, ir-rikorrenti Claudette ġja Azzopardi Galdes (KI 160273M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-zwieg li ġie ċċelebrat fl-24 ta' Awwissu, 1991, bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi żmien imħolli għaldaqshekk mill-istess Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-zwieg tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat.

By means of a decree of the 13th January, 2026, of the Civil Court (Family Section), in the records of the sworn application in the names Claudette previously Azzopardi Galdes vs Gesualdo sive Jesmond Azzopardi, Application number 507/2025AGV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Gesualdo sive Jesmond Azzopardi in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an Application in the records of the sworn application Number 507/2025AGV in the names Claudette previusly Azzopardi Galdes (ID 160273M) vs Gesualdo sive Jesmond Azzopardi (ID 202565M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 20th October, 2025, the applicant Claudette previously Azzopardi Galdes (ID 160273M) requested this Honourable Court to:

1. Pronounce the dissolution of marriage that was celebrated on the 24th August, 1991, between the parties;

2. Order the Registrar of Courts so that within such time as this Honourable Court may impose he informs the Director Public Registry of the dissolution of marriage so that the latter registers the same in the Public Registry.

With costs against the respondent.

Il-kawża fl-ismijiet Claudette ġja Azzopardi Galdes vs Gesualdo sive Jesmond Azzopardi (Rikors numru 507/2025AGV) hija differita għall-11 ta' Frar, 2026, fid-9.15 a.m.

Esponenti: 21, Anthony, Flat 2, Triq l-Klin, L-Iklin

Notifika intimat: 87, Jesclaud, Triq S. Tanti, Ħaż-Żebbuġ

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 30 ta' Jannar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

The application in the names Claudette previously Azzopardi Galdes vs Gesualdo sive Jesmond Azzopardi, Application number 507/2025AGV has been postponed for hearing to the 11th February, 2026, at 9.15 a.m.

Applicant: 21, Anthony, Flat 2, Triq l-Klin, Iklin

Notification respondent: 87, Jesclaud, Triq S. Tanti, Ħaż-Żebbuġ

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 30th January, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

293

Permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Jannar, 2026, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali noe vs Marina Vyachesslovovna Majoie née Gavrysheva, Rikors numru 522/2025AGV, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Marina Vyachesslavovna Majoie née Gavryusheva a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' Rikors Ġuramentat fl-ismijiet l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali bħala rappreżentant ta' Hadrien Brewallan Henry Joel Majoie (passaport numru 24HD37289) vs Marina Vyuachesslavovna Majoie née Gavryusheva (passaport numru RE0074228), ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja), fl-24 ta' Ottubru, 2024, ir-rikorrenti l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali bħala rappreżentant ta' Hadrien Brewallan Henry Joel Majoie (passaport numru 25HD37289) talab lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tordna r-ritorn tal-minuri … omissis … lejn il-Prinċipat ta' Monaco immedjatament;

2. Tagħti fil-frattemp dawk id-direttivi fl-interess tal-minuri kkonċernat, inkluż avviż lill-awtoritajiet kkonċernati, biex il-minuri jiġi salvagwardat milli jerġa' jittieħed b'mod illeċitu minn Malta għal pajjiż ieħor, liema tneħħija tagħmel ir-ritorn tal-minuri fir-residenza abbitawli tiegħu ferm aktar diffiċili u dan bi ksur espliċitu tal-Konvenzjoni dwar l-Aspetti tas-Sekwestru Internazzjonali tal-Minuri;

3. Tagħti l-istruzzjonijiet neċessarji lill-awtoritajiet kompetenti, fosthom, lill-Pulizija, lill-Marixxalli tal-Qorti, lid-Direttorat tal-Protezzjoni tat-Tfal u lir-Reġistratur tal-Qorti, sabiex jagħmlu l-arrangamenti prattiċi meħtieġa għar-ritorn qawwi u sħiħ tal-istess minuri.

By means of a decree of the 12th January, 2026, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Sworn Application in the names Chief Executive Officer in representation of the Social Care Standards Authority noe vs Marina Vyachesslavovna Majoie, Application number 522/2025AGV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Marina Vyachesslavovna Majoie in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of a Sworn Application in the names Chief Executive Officer in representation of the Social Care Standards Authority and in representation of Hadrien Brewallan Henry Joel Majoie (passport number 24HD37289) vs Marina Vyachesshavovna Majoie née Gavryusheva (passport number RE0074228), filed in the Civil Court (Family Section), on the 24th October, 2025, the applicant Chief Executive Officer in representation of the Social Care Standards Authority and in representation of Hadrian Breallan Henry Joelo Majoie (passport number 24HD37289) requested this Honourable Court to:

1. Order the return of the child … omissis … to the Principate of Monaco immediately;

2. Give in the meantime those directives in the interest of the child concerned, including a notice to the authorities concerned, so that the child is safeguarded from being illegally taken back from Malta to another country, which removal makes the return of the child to his/her habitual residence much more difficult and this in violation of the Convention on the Civil aspects of International Child Abduction;

3. Give the necessary instructions to the competent authorities, including the Police, the Court Marshals, the Child Protection Directorate and the Registrar of the Court, to make the necessary practical arrangements for the safe and complete return of the same minors.

Illi l-applikant jirriserva d-dritt li jipprovdi provi ulterjuri oħrajn kemm dokumentarji u xhieda oħra u dan taħt kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkun xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi.

That the applicant reserves the right to provide further proof both documentary and other evidence and this under any other provision that this Honourable Court deems fit and opportune in the circumstances.

Bl-ispejjeż.

With costs.

Rikorrenti: Social Care Standards Authority, Ċentru Ħidma Soċjali, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera

Applicant: Social Care Standards Authority, Ċentru Ħidma Soċjali, Triq il-Kbira San Ġużepp Santa Venera

Intimata: 267, Carlton Court, No. 15, Triq it-Torri, Tas-Sliema

Defendant: 267, Carlton Court No 15, Cotton Court, Triq it-Torri, Tas-Sliema

Ir-rikors fl-ismijiet l-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni tal-Awtorità tal-Istandards ta' Ħarsien Soċjali noe vs Marina Vyachesslavovna Majoie, Rikors numru 522/2025AGV, jinsab differit għall-11 ta' Frar, 2026, fl-10.30 a.m.

The Application in the names Chief Executive Officer in representation of the Social Care Standards Authority noe vs Marina Vyhachesslavovna Majoie, Application number 522/2025AGV, has been postponed for hearing to the 11th February, 2026, at 12.30 p.m.

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 30 ta' Jannar, 2026

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 30th January, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

294

Permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Novembru, 2025, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 155/2025JPG fl-ismijiet Yeis Leidys Lopez Daza vs David Desmond Crockett, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat David Desmond Crockett a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By means of a decree of the 27th November, 2025, of the Civil Court (Family Section), in the records of the sworn application in the names Yeis Leidys Lopez Daza vs David Desmond Crockett, Application Number 155/2025JPG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent David Desmond Crockett in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Permezz ta Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Yeis Leidys Lopez Daza (KI 0422534A) vs David Desmond Crockett (KI 0040111A) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 155/2025JPG, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fil-21 ta' Lulju, 2025, ir-rikorrenti Yeis Leidys Lopez Daza (KI 0422534A) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

By means of an Application in the records of the sworn application Number 155/2025JPG in the names Yeis Leidys Lopez Daza (ID 0422534A) vs David Desmond Crockett (ID 0040111A), filed in the Civil Court (Family Section), on the 21st July, 2025, the applicant Yeis Leidys Lopez Daza (ID 0422534A) requested this Honourable Court to:

1. Tordna l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri … omissis … tkun fdata f'idejn l-esponenti u tawtorizza lill-esponenti sabiex tieħu dawk id-deċiżjonijiet kollha relatati mal-minuri, inkluż dawk relatati mal-permessi tar-residenza, mas-saħħa, mal-ħruġ tal-passaporti, safar u edukazzjoni tal-minuri mingħajr il-kunsens tal-intimat;

1. Order the exclusive care and custody of the minor … omissis … to be entrusted to the applicant and authorise the applicant to take all those decisions related to the minor, including those related to residence permits, health, passport issuance, travel and education of the minor without the consent of the respondent;

2. Tawtorizza lill-intimat jottjeni kwalunkwe informazzjoni relatata mal-minuri direttament mill-awtoritajiet u/jew entatijiet relattivi u sabiex jattendi għal kwalunkwe appuntamenti u/jew attivitajiet tal-minuri;

2. Authorise the respondent to obtain any information related to the minor directly from the relative authorities and/or entities and to attend any appointments and/or activities of the minor;

3. Tordna li l-minuri … omissis … jirrisjedi primarjament mal-attriċi;

3. Order that the minor … omissis … resides primarily with the plaintiff;

4. Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-intimat lill-esponenti għall-imsemmi minuri … omissis … u jibqa' hekk pagabbli sakemm il-minuri jagħlaq l-età ta' 18-il sena jekk jieqaf mill-iskola u jibda' jaħdem fuq bażi full-time jew sa 23 sena jekk il-minuri jiddeċiedi li jibqa' jistudja fuq bażi full-time. Kif ukoll tordna illi dan il-manteniment jiġi mnaqqas direttament mis-salarju jew qligħ tal-intimat, mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li jkun qed jipperċepixxi l-intimat, u jiġi depożitat f'kont bankarju indikat mill-esponenti, filwaqt li tipprovidi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti ż-żieda fl-għoli tal-ħajja u li l-esponenti tirċievi kwalunkwe benefiċċju tal-minuri, inkluż imma mhux limitatament iċ-children's allowance, fl-intier tagħhom;

5. Tordna lill-intimat sabiex iħallas l-ispejjeż kollha ta' saħħa, u edukazzjoni tal-istess minuri sakemm ikun għadu qed jistudja, inkluż, u mhux limitatament, uniformijiet, trasport, donations, stationary, privatijiet u kwalunkwe spejjeż oħra relatati mal-edukazzjoni, inkluż spejjeż relatati ma' attivitajiet ekstrakurrikulari tal-minuri. Fin-nuqqas, li dawn l-ispejjeż ikunu riflessi fl-ammont ta' manteniment;

6. Tordna lill-intimat sabiex l-arretrati ta' manteniment għall-minuri … omissis … mid-data tal-ftuħ tal-proċeduri ta' medjazzjoni mid-29 ta' Awwissu, 2024, kif ukoll arretrati relatati ma' spejjeż inkorsi għas-saħħa, edukazzjoni u kwalunkwe attivitajiet ekstrakurrikulari;

7. Tagħti dawk il-provediment oħra xierqa u opportuni li jikkonċernaw lill-minuri … omissis … fl-aħjar interess tiegħu;

8. Tordna l-allegazzjoni tal-atti tal-Ittra ta' Medjazzjoni numru 1023/24 u 1046/24VZ;

9. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jirreġistra l-eventwali sentenza fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta.

Bl-ispejjeż u imgħaxijiet kontra l-intimat, inkluż dawk relatati mal-Ittra ta' Medjazzjoni u atti oħra relattivi, li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.

Il-kawża fl-ismijiet Yeis Leidys Lopez Daza vs David Desmond Crockett (Rikors numru 155/2025JPG) hija differita għall-11 ta' Frar, 2026, fid-9.30 a.m.

Esponenti: Daza, Vulcan, 7, Flat 2, Triq Corrado, Ħaż-Żabbar

Notifika intimat: 20, Fl. 4, Triq Santa Bernardetta, Il-Qrendi

4. Fix and liquidate an adequate amount of maintenance to be payable by the respondent to the applicant for the said minor … omissis … and remain so payable until the minor reaches the age of 18 if the minor child stips pursuing his studies and start working on a full-time basis or until 23 years if the minor decides to continue studying on a full-time basis. As well as order that this maintenance be deducted directly from the salary or income of the respondent, from the employment or work or any benefit that the respondent is perceiving, and deposited in a bank account indicated by the applicant, whilst providing on the modalities how the same maintenance should be reviewed and amended every year to reflect the increase in the cost of living and that the applicant receives any benefit of the minor, including but not limited to children's allowance, in their entirety;

5. Order the respondent to pay all the health and education expenses of the same minor as long as he is studying, including, and not limitedly, uniforms, transport, donations, stationary, privatises and any other expenses related to education, including expenses related to extra-curricular activities of the minor. Failing that, these costs shall be reflected in the amount of maintenance;

6. Order the respondent so that the arrears of maintenance for the minor … omissis … from the date of the opening of the mediation procedures from the 29th August, 2024, as well as arrears related to expenses incurred for health, education and any extra-curricular activities;

7. Give those other appropriate and opportune provisions concerning the minor … omissis … in his best interest;

8. Order the allegation of the records of the Mediation letters number 1023/24 and 1046/24VZ;

9. Order the Registrar of Courts to register the eventual judgement in the Public Registry of Malta.

With costs and interests against the respondent, including those related to the letter of Mediation and other relative acts, who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

The application in the names Yeis Leidys Lopez Daza vs David Desmond Crockett, Application number 155/2025JPG, has been postponed for hearing to the 11th February, 2026, at 9.30a.m.

Applicant: Daza, Vulcan, 7, Flat 2, Triq Corrado, Zabbar.

Notification respondent: 20, Fl. 4, Triq Santa Bernardetta, Qrendi.

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 30 ta' Jannar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 30th January, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

295

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fil-21 ta' Novembru, 2025, fuq talba ta' Lieven Delarue ġie ordnat biex taħtar kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa tad-defunti Carmela Galea, Giovanna Pia Attard, Marie Elizabeth Cuschieri u Bernardina Galea, fl-atti taċ-ċedola numru 2484/2025 fl-ismijiet Lieven Delarue vs Kuraturi Deputati fl-atti l-oħra relattivi u sussegewenti:

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 2484/2025 fl-ismijiet Lieven Delarue, konsulent tal-ħlasijiet, bin Christian Delarue u Hermine née Gevaert, imwieled f'Oudmaarde, il-Belġju, u residenti San Ġiljan (KI 0045216A) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eredi mhux magħrufa tad-defunti: 1) Carmela Galea, armla ta' Anthony Galea (KI 148488B) bint il-mejtin Carmelo Mifsud u Giovanna née Attard, imwielda u residenti Tas-Sliema, imwielda fl-1888, data tal-mewt mhux magħrufa; 2) Giovanna Pia Attard (KI 280322M) mart Anthony Attard, Assistant Nutar tal-Gvern, bint il-mejtin Anthony Galea u Carmela née Mifsud, imwielda u residenti Tas-Sliema li ġiet nieqsa fl-24 ta' Frar, 2010; 3) Marie Elizabeth Cuschieri (KI 533925M) mart Captain Victor Mary Cuschieri, bint il-mejtin Anthony Galea u Carmela née Mifsud, imwielda u residenti Tas-Sliema li ġiet nieqsa fis-27 ta' Jannar, 2016; u 4) Bernardina Galea (KI 448524M) xebba, bint il-mejtin Anthony Galea u Carmela née Mifsud, imwielda u residenti Tas-Sliema li ġiet nieqsa fl-10 ta' Jannar, 2012, ippreżentata fil-21 ta' Novembru 2025 fejn Lieven Delarue (KI 0045216A) espona bir-rispett:

Illi l-esponent akkwista l-proprjetà ossija maisonette bin-numru mhux ufficjali ta' 12, inkluż il-bejt u l-arja tal-istess maisonette, preżentament mingħajr isem ufficjali gia Amaryllis u Long Reach, fi Triq San Mark, San Ġiljan (Fond), liema maisonette tinsab fl-ewwel sular fi blokk ta' żewġ maisonettes u għalhekk tinstab sovrastanti proprjetà ta' terzi u l-fond imiss mit-Tramuntana ma' Triq San Mark, mill-Punent mal-proprjetà ta' Leone Coleiro jew suċċesuri fit-titolu tiegħu u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Familja Dowling jew suċċessuri fit-titolu tagħhom.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Courts

By means of a decree given by this Court on the 21st November, 2025, following a request of Lieven Delaruei it was ordered that deputy curators be appointed to represent the unknown heirs of Carmela Galea, Giovanna Pia Attard, Marie Elizabeth Cuschieri and Bernardina Galea, in the acts of the schedule of deposit number 2484/2025 in the names Lieven Delarue vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts:

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent number 2484/2025 in the names Lieven Delarue, payment consultant, son of Christian Delarue and Hermine née Gevaert, born in Oudmaarde, Belgium and residing in St Julian's (ID 0045216A) vs Deputy Curators to represent the unknown heirs of the late: 1) Carmela Galea, widow of Anthony Galea (ID 148488B), daughter of the late Carmelo Mifsud and the late Giovanna née Attard born and residing in Tas-Sliema, born in 1888 date of death is unknown; 2) Giovanna Pia Attard (ID 280322M) wife of Anthony Attard, Assistant Government Notary, daughter of the late Anthony Galea and Carmela née Mifsud, born and resided in Tas-Sliema who died on the 24th February, 2010; 3) Marie Elizabeth Cuschieri (ID 533925M) wife of Captain Victor Mary Cuschieri, daughter of the late Anthony Galea and Carmela née Mifsud, born and resided in Tas-Sliema, who died on the 27th January, 2016; and 4) Bernardina Galea (ID 448524M) unmarried, daughter of the late Anthony Galea and Carmela née Mifsud, born and resided in Tas-Sliema, who died on the 10th January, 2012, filed on the 20th November, 2025, whereby Lieven Delarue respectfully submitted:

That the applicant acquired the property or rather maisonette with the non-official number of 12, including the roof and airspace of the same maisonette, presently without official name previously Amaryllis and Long Reach, in Triq San Mark, St Julian's (premises), which maisonette is situated on the first floor in a block of two maisonettes and thus overlying third party property and the premises is bounded on the north by Triq San Mark, west by property of Leone Coleiro or successors in title and east by property of the Dowling Family or successors in title thereof.

L-akkwist sar ai termini ta' kuntratt datat 26 ta' Settembru, 2008, fl-atti tas-Nutar Dott. Andre Farrugia. Kopja tal-kuntratt ta' akkwist qed tiġi annessa u mmarkata Dok. LD1 u kopja tal-pjanta relattiva bħala Dok. LD2;

Illi ai termini tal-istess kuntratt ta' akkwist, il-proprjetà hija suġġetta għal ċens annwu u perpetwu ta' €37.74, liema ċens huwa l-parti proporzjonali ta' ċens li kien ġie impost oriġinarjament permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dott. Paul Pullicino datat 20 ta' Settembru, 1961 (Kopja ta' dan il-kuntratt qed tiġi annessa u mmarkat Dok. LD3);

Illi fil-fatt l-ammont ta' ċens dovut fuq il-fond jirrappreżenta l-ammont ta' ċens prorata relatat mal-fond u ċoè nofs iċ-ċens impost fuq l-art li fuqha huwa mibni l-fond u l-maisonette sovrastanti;

Illi l-esponenti jixtieq jipprevalixxi ruħu mid-dritt illi jifdi dan iċ-ċens permezz ta' din iċ-ċedola;

Illi ċ-ċens kapitalizzat bir-rata ta' 3%, stabbilita permezz tal-artikolu 9 tal-kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dott. Paul Pullicino datat 20 ta' Settembru, 1961 (LD3), jammonta għal €1071.67.

Għaldqstant, l-esponent umilment jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u fir-Reġistru tagħha jiddepożita s-somma ta' €1232.42 rappreżentati inkwantu għall-ammont ta' €160.75 arretrati ta' ċens ta' dawn l-aħħar ħames (5) snin u inkwantu għas-somma ta' €1071.67 rappreżentanti kapitalizazzjoni bir-rata ta' 3% taċ-ċens annwu u perpetwu ta' €37.74 sabiex jigu mgħoddija liberalment lill-intimati wara li titħalla d-debita riċevuta skont il-liġi.

Notifika: Direttur Reġistru Pubbliku
Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Ian Spiteri Bailey, LLD, Duttur tal-Liġi.

The acquisition was made in terms of a contract dated 26th September, 2008, in the records of Notary Dr Andre Farrugia. A copy of the deed of acquisition is being attached and marked Doc. LD1 and a copy of the relative plan as Doc. LD2;

That in terms of the same contract of acquisition, the property is subject to an annual and perpetual groundrent of €37.74, which groundrent is the proportional part of groundrent which was originally imposed by means of a public deed in the records of Notary Doctor Paul Pullicino dated 20th September, 1961 (A copy of this contract is being attached and marked Doc. LD3);

That infact the amount of groundrent due on the premises represents the amount of groundrent pro rata related to the premises and namely half the groundrent imposed on the land on which the premises and the overlying maisonette are built;

That the applicant wishes to avail himself of the right to redeem this groundrent by means of this schedule of deposit;

That the groundrent capitalised at the rate of 3%, established by means of Article 9 of the public deed in the records of Notary Dr Paul Pullicino dated 20th September, 1961 (LD3), amounts to €1071.67.

Thus, the applicant humbly calls upon this Honourable Court and in its Registry deposits the sum of €1232.42 represented as for the amount of €160.75 arrears of groundrent of the last five (5) years and as for the sum of €1071.67 representing capitalization at the rate of 3% of the annual and perpetual groundrent of €37.74 to be freely passed on to the respondents after leaving the due receipt according to law.

Notification: Director Public Registry
Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the above mentioned Superior Court with the witness of Hon. Mr Justice Ian Spiteri Bailey, LLD, Doctor of Laws.

Illum 21 ta' Novembru, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 30 ta' Jannar, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

Today 21st November, 2025

Registry of the Superior Courts, today 30th January, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

296

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-2 ta' Diċembru, 2025, fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lil Mayward Ltd fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 4964/2025 fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-3 ta' Novembru, 2025, tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, kontra kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil Mayward Ltd (C77813) fejn permezz tal-preżenti l-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana jinterpellak ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII tal-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €4,873,380 rappreżentanti l-ammont minnek dovut bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-Att sad-data tal-effettiv pagament.

